

Brussell, 2 ta' Lulju 2024
(OR. en)

10582/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0363(COD)

CODEC 1404
EF 189
ECOFIN 624
PE 149

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1092/2010, (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, (UE) Nru 1095/2010 u (UE) 2021/523 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji u l-appoġġ għall-investment - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mill-11 sal-14 ta' Marzu 2024)

I. INTRODUZZJONI

Ir-rapporteur, Othmar KARAS (PPE, AT), ippreżenta rapport dwar il-proposta msemmija hawn fuq għal Regolament f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij (ECON) li kien fih emenda waħda (l-emenda 1) għall-proposta. Ma ġiet ippreżentata l-ebda emenda oħra.

II. VOT

Meta vvotat fit-12 ta' Marzu 2024, il-plenarja tal-Parlament Ewropew adottat l-emenda 1 għall-proposta għal Regolament.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tidher fl-Anness ta' dan id-dokument*.

* L-ifformattjar tal-verzjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verzjoni EN.

P9_TA(2024)0128

Emenda ta' ċerti Regolamenti fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji u l-appoġġ għall-investment

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2024 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1092/2010, (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, (UE) Nru 1095/2010 u (UE) 2021/523 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji u l-appoġġ għall-investment (COM(2023)0593 – C9-0383/2023 – 2023/0363(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0593),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 114, 173 u l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0383/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Frar 2024¹,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0026/2024),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Emendi 1

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

2023/0363 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1092/2010, (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, (UE) Nru 1095/2010 u (UE) 2021/523 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji u l-appoġġ għall-investment

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 114, 173 u l-Artikolu 175(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ■ .

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni³,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-rekwiżiti ta' rapportar **u ta' divulgazzjoni** għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar ta' monitoraġġ xieraq u ta' infurzar korrett tal-leġislazzjoni. Madankollu, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati, sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop maħsub tagħhom, **li jiġi limitat il-piż amministrattiv u li jiġi evitat l-irduppar mhux dovut, mhux l-anqas għall-awtoritajiet regolatorji u superviżorji ta' ġurisdizzjonijiet finanzjarji iżgħar. Ir-rekwiżiti ta' rapportar u ta' divulgazzjoni jistgħu jimponu wkoll piżijiet sproporzjonati fuq l-entitajiet, b'mod partikolari fuq l-intrapriżi iżgħar u ta' daqs medju u fuq il-mikrokumpaniji.**
- (2) Għalhekk, is-simplifikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi **mingħajr ma jiġu mminati l-oġġettivi tal-politika huma** prijorità, inkluż fir-rigward tar-rekwiżiti ta' rapportar fis-settur finanzjarju u fir-rigward tal-frekwenza tar-rapportar relatat mal-Programm InvestEU stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.
- (3) Ir-Regolamenti (UE) Nru 1092/2010⁵, (UE) Nru 1093/2010⁶, (UE) Nru 1094/2010⁷, (UE) Nru 1095/2010⁸, **(UE) Nru 806/2014^{7a}, ir-Regolament (UE) .../...^{7b}** tal-Parlament Ewropew

² ĠU C [...], [...], p. [...]

³ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2011, p. 1).

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2011, p. 12).

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2011, p. 48).

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2011, p. 84).

^{7a} ***Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2010, p. 1).***

u tal-Kunsill, *ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013*^{7c} u r-Regolament (UE) 2021/523 fihom għadd ta' rekwiżiti ta' rapportar *u ta' divulgazzjoni*, li jenħtieġ li jiġu ssimplifikati, *bħala parti minn eżerċizzju kwalitattiv, aktar milli kwantitattiv*, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030"⁹.

- (3a) *Dak l-eżerċizzju kwalitattiv m'għandu jimmina ebda waħda mill-kisbiet tal-politika tal-Unjoni u, barra minn hekk, jirrikonoxxi d-domanda dejjem akbar ta' data meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-oġettivi tal-fajls leġiżlattivi li jappartjenu għall-aġenda dwar il-finanzi sostenibbli. Madankollu, il-konsistenza u l-istandardizzazzjoni fl-oqfsa legali u fil-ġurisdizzjonijiet kollha u maż-żmien jistgħu jagħmlu r-rekwiżiti aktar fattibbli mingħajr ma jaffettwaw il-kontenut reali tal-istandards tar-rapportar.*
- (3b) *Id-diverġenzi tad-data bejn l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu analizzati wkoll b'mod kwalitattiv. B'mod partikolari, xi atti leġiżlattivi tal-Unjoni, minħabba l-bażi ġuridika tagħhom, huma maħsuba biex jipprovdur armonizzazzjoni parzjali jew minima. Barra minn hekk, xi standards tar-rapportar huma volontarji jew isegwu reġim ta' inklużjoni fakultattiva. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw l-aħjar Prattiki jew ikunu minn ta' quddiem fir-rekwiżiti ta' rapportar, dment li jaderixxu mar-rekwiżiti previsti fl-atti leġiżlattivi tal-Unjoni.*
- (4) L-istituzzjonijiet finanzjarji u entitajiet oħra attivi fis-swieq finanzjarji huma meħtieġa jirrapportaw firxa wiesgħa ta' informazzjoni biex l-awtoritajiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali li jissorveljaw is-sistema finanzjarja jkunu jistgħu jimmonitorjaw ir-riskji, jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja u l-integrità tas-suq, u jipproteġu lill-investituri u lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji fl-Unjoni. L-awtoritajiet superviżorji Ewropej *u l-Awtorità Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus* jenħtieġ li jirrieżaminaw regolament ir-rekwiżiti ta' rapportar *u d-divulgazzjoni* u jipproponu, meta xieraq, li jissimplifikaw u jneħħu rekwiżiti żejda, obsoleti *jew sproporzjonati fl-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni u regolatorji rilevanti. L-awtoritajiet superviżorji Ewropej* jenħtieġ li jikkordinaw din il-ħidma permezz tal-Kumitat Konġunt tal-awtoritajiet superviżorji Ewropej. **Barra minn hekk, jenħtieġ li jitwettqu wkoll evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-awtoritajiet kompetenti biex jittejbu l-effettività u l-grad ta' konverġenza ta' dawk ir-rekwiżiti. Kemm il-kompiti taħt il-kultura superviżorja komuni kif ukoll l-evalwazzjonijiet bejn il-pari jenħtieġ li jitwettqu fuq bażi permanenti, li għalihom jenħtieġ li jiġu allokatu aktar riżorsi umani u materjali kif meħtieġ.**
- (4a) *Proporzjon kbir tar-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni żejda, obsoleti jew sproporzjonati jirriżultaw minn inkonsistenzi vertikali bejn ir-rekwiżiti tal-Istati Membri u r-rekwiżiti tal-Unjoni ("regolamentazzjoni żejda"), inkonsistenzi orizzontali fil-*

^{7b} [UP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument 2021/0240(COD) (proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu – COM/2021/421 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

^{7c} *Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2021, p. 63).*

⁹ COM(2023)168.

leġiżlazzjoni speċifika għas-settur u transsettorjali, kif ukoll nuqqas ta' proporzjonalità fir-rekwiżiti nfushom. Għalhekk, l-awtoritajiet superviżorji Ewropej u l-Awtorità Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus jenħtieġ li mhux biss jirrieżaminaw l-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni, iżda jenħtieġ li jipprovdu wkoll opinjonijiet dwar il-proċeduri leġiżlattivi ordinarji u l-atti leġiżlattivi li jkunu għaddejnin diġà fis-seħħ.

- (4b) *L-iffaċilitar tal-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni fis-settur finanzjarju, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-protezzjoni tad-data, is-segretezza professjonali u l-proprjetà intellettuali, jenħtieġ li jnaqqas il-piż fuq l-entitajiet ta' rapportar u fuq l-awtoritajiet billi jiġu evitati talbiet duplikati, f'konformità mal-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar id-data superviżorja fis-servizzi finanzjarji tal-Unjoni. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi wkoll għal koordinazzjoni aħjar tal-attivitajiet superviżorji u għal konverġenza superviżorja.*
- (4c) *Sabiex jitravwem l-iskambju ta' informazzjoni fis-settur finanzjarju kollu, l-awtoritajiet kollha responsabbli għas-superviżjoni fis-settur finanzjarju, inklużi l-BERS, l-awtoritajiet superviżorji Ewropej, l-AMLA, l-MSU, l-SRB, kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti, superviżorji u ta' riżoluzzjoni rispettivi kollha fl-Istati Membri, jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju.*
- (5) *Għal dak il-għan, il-prinċipju ta' "irrapporta darba" jenħtieġ li jiġi infurzat b'mod aktar konsistenti fl-Unjoni. L-awtoritajiet kollha responsabbli għas-superviżjoni fis-settur finanzjarju jenħtieġ li jitolbu biss informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet relaturi oħra jekk ma jkunux diġà rrapportaw dik l-informazzjoni lil awtoritajiet oħra. Jekk l-informazzjoni tkun diġà ġiet irrapportata lil awtorità, awtoritajiet oħra jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu dik l-informazzjoni direttament minn dik l-awtorità, b'differenza mill-kollezzjoni tal-istess informazzjoni, u b'hekk jintemm l-hekk imsejjaħ rapportar doppju. Bl-istess objettiv li tittejjeb l-effiċjenza fil-ġbir, fl-ipproċessar u fl-użu tal-informazzjoni, l-awtoritajiet li jtejjbu l-informazzjoni permezz tat-tindif jew l-arrikkiment tagħha jenħtieġ li jkunu jistgħu wkoll jikkondividu tali informazzjoni mtejjba.*
- (5a) *Xi punti ta' data li l-istituzzjonijiet finanzjarji jeħtieġu mill-kumpaniji biex jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar tagħhom, għadhom mhumiex riflessi fil-qafas tar-rapportar tal-Unjoni u jeħtieġ li jiġu miżjudi. Għalhekk, minbarra l-ħtieġa li jiġu indirizzati rekwiżiti ta' rapportar żejda, duplikati jew obsoleti, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati n-nuqqasijiet regolatorji. Dan jagħmilha saħansitra aktar importanti li tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti ta' rapportar finanzjarji u dawk mhux finanzjarji.*
- (5b) *Meta jkun rilevanti, l-istituzzjonijiet finanzjarji jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq approċċ sekwenzjali, u dan ifisser li jenħtieġ li jkunu jistgħu jirreferu għal informazzjoni li diġà ġiet ippubblikata mill-kumpaniji fil-katina tal-valur tagħhom.*
- (5c) *Sabiex jiġu ffaċilitati d-detezzjoni, il-monitoraġġ, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji sistematiċi għall-istabbiltà finanzjarja, il-BERS jenħtieġ li jkollu aċċess għall-informazzjoni rilevanti mill-awtoritajiet superviżorji Ewropej u l-BĊE b'mod awtomatiku. B'dan il-mod, ir-riskji sistematiċi jistgħu jiġu identifikati aħjar ex ante, għall-kuntrarju ta' ex post, minħabba talbiet u proċeduri ta' kondiviżjoni aktar rigorużi.*

- (6) Tali kondivizzjoni ta' informazzjoni jenħtieġ li tkun komplementari għall-possibbiltajiet eżistenti ta' skambju ta' informazzjoni previsti fid-dritt tal-Unjoni, u jenħtieġ li fl-ebda każ ma tirrestrinġi dawk il-possibbiltajiet eżistenti.
- (6a) *L-awtoritajiet superviżorji Ewropej jenħtieġ li jivvalutaw l-għażliet ta' politika biex jintegraw aktar proċessi ta' rapportar minn perspettiva proċedurali u ta' kontenut. L-awtoritajiet superviżorji Ewropej jenħtieġ li tivvaluta kif xieraq l-opportunitajiet li jirriżultaw minn żieda fl-użu tat-teknoloġija diġitali filwaqt li jiġu promossi formati effettivi u effiċjenti li jħaddnu metriċi, metodi u parametri, li se jrawmu l-kompetittività tas-settur finanzjarju.*
- (6b) *F'dan is-sens, matul l-aħħar ftit snin, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet superviżorji Ewropej għamlu progress sinifikanti fl-esplorazzjoni tal-possibbiltajiet li jiġu stabbiliti sistemi integrati ta' rapportar. Tali sistemi innovattivi ta' rapportar huma meħtieġa biex jinkisbu l-benefiċċji ta' aktar kondivizzjoni tad-data bejn l-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni fis-settur finanzjarju. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kollha responsabbli għas-superviżjoni fis-settur finanzjarju fl-Unjoni jistabbilixxu Sistema Unika Integrata ta' Rapportar. Dik is-sistema għandha tinkludi dizzjunarju tad-data komuni li tiżgura konsistenza u ċarezza fir-rekwiżiti ta' rapportar u standardizzazzjoni tad-data, repożitorju konġunt tad-data mitluba u miksuba, spazju ċentrali għall-ġbir tad-data għall-iskambju effiċjenti tad-data kif ukoll punt ta' kuntatt uniku permanenti li jippermetti lill-entitajiet jidentifikaw rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni doppji, obsoleti jew żejda.*
- (6c) *Xi drabi, l-ostakli legali fir-regolamenti settorjali jagħmluha impossibbli għall-awtoritajiet li jiskambjaw l-informazzjoni. Għalhekk, dawk l-awtoritajiet jenħtieġ li jirrapportaw dawk l-ostakli legali lill-Kummissjoni qabel proposta leġiżlattiva biex ineħħu dawk l-ostakli, filwaqt li fl-istess ħin jirrispettaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, is-segretezza professjonali u l-protezzjoni tad-data.*
- (7) Il-Kummissjoni tirrikjedi informazzjoni akkurata u komprensiva biex tiżviluppa politiki, tevalwa l-leġiżlazzjoni eżistenti u tivvaluta l-impatt ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi potenzjali, inkluż matul in-negozjati ta' proposti leġiżlattivi. Il-kondivizzjoni mill-awtoritajiet mal-Kummissjoni ta' informazzjoni li l-istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra jkunu rrapportaw lil dawk l-awtoritajiet skont l-obbligi tagħhom fid-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li tgħin biex tipprovdi pedament ibbażat fuq l-evidenza għall-formulazzjoni u għall-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni. Għal dak il-għan, tali informazzjoni jenħtieġ li tkun f'forma li ma tippermettix l-identifikazzjoni ta' entitajiet individwali u li ma jkunx fiha data personali. L-awtoritajiet jistgħu jibbenefikaw ukoll minn data anonimizzata u għalhekk jenħtieġ li jikkondividu wkoll tali informazzjoni bejniethom meta jkun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom.
- (8) Iċ-ċikli tal-innovazzjoni fis-settur finanzjarju qed jaċċelleraw, qed isiru aktar miftuħa u dejjem aktar kollaborattivi. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-awtoritajiet ikunu jistgħu jikkondividu informazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji, riċerkaturi, u entitajiet oħra għall-finijiet ta' riċerka u innovazzjoni lil hinn mill-iskop inizjali li għalih tkun inġabret l-informazzjoni. Il-kondivizzjoni ta' tali informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet jenħtieġ li ttejjeb l-utilità tagħha billi tespandi l-informazzjoni disponibbli għar-riċerka fis-settur finanzjarju u tipprovdi aktar opportunitajiet biex jiġu ttestjati prodotti u mudelli ta' negozju kif ukoll kollaborazzjoni akbar bejn diversi parteċipanti fis-swieq finanzjarji, inklużi t-teknoloġija finanzjarja, negozji ġodda u istituzzjonijiet finanzjarji eżistenti. L-użu mill-ġdid tad-data kondiviża mill-awtorità kompetenti huwa regolat mill-qafas ġenerali għall-użu mill-

għdid tad-data stabbilit fil-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰. Madankollu, meta titqies in-natura sensitiva tad-data riċevuta għal skopijiet ta' superviżjoni mill-awtoritajiet fis-settur finanzjarju, jenħtieġ li jiġu introdotti kundizzjonijiet obbligatorji speċifiċi għall-użu mill-għdid ta' din id-data, inkluża l-anonimizzazzjoni ta' data personali u mhux personali li ma tippermettix l-identifikazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali u l-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. ***Dan ifisser li l-proċeduri u l-passi kollha fil-ġbir, l-istandardizzazzjoni, l-anonimizzazzjoni, il-ħżin u l-kondiviżjoni tad-data se jinżammu fuq bażi kontinwa soġġetti għall-aħħar miżuri ta' ċibersigurtà stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni.***

- (9) Il-bidla fil-frekwenza tar-rapportar dwar il-Programm InvestEU mis-sħab ta' implimentazzjoni minn biannwali għal annwali jenħtieġ li tnaqqas l-ammont ta' xogħol tas-sħab ta' implimentazzjoni, tal-intermedjarji finanzjarji, tal-SMEs u ta' kumpaniji oħra mingħajr ma jinbidel l-ebda wieħed mill-elementi sostantivi tar-Regolament (UE) 2021/523.
- (10) Jenħtieġ għalhekk li r-Regolamenti (UE) Nru 1092/2010, (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, (UE) Nru 1095/2010, u (UE) 2021/523 jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1092/2010

Ir-Regolament (UE) 1092/2010 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 15 u 16 u l-applikazzjoni tal-liġi kriminali, l-ebda informazzjoni kunfidenzjali riċevuta mill-persuni msemmija fil-paragrafu 1 fit-tweġiq ta' dmiriethom ma tista' tiġi ddivulgata lil xi persuna jew awtorità oħra, ħlief f'forma fil-qosor jew aggregata, b'mod li l-istituzzjonijiet finanzjarji individwali ma jkunux jistgħu jiġu identifikati.”;

- 1a. Fl-Artikolu 15, il-paragrafu 1 sa 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data) (ĠU L 152, 3.6.2011, p. 1).

1. *L-awtoritajiet superviżorji Ewropej, is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), il-Kummissjoni, l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali u l-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-BERS billi jipprovduh bl-informazzjoni u l-analiżi kollha meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tiegħu. 2. Il-BERS, l-awtoritajiet superviżorji Ewropej u l-BĊE għandhom jikkoordinaw l-isforzi tagħhom biex jidentifikaw, jimmonitorjaw, jipprevjenu u jimmitigaw ir-riskji sistemiċi għall-istabbiltà finanzjarja. Minkejja dispożizzjonijiet oħra dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni superviżorja u statistika f'dan l-Artikolu, u f'atti leġiżlattivi oħra tal-Unjoni, l-awtoritajiet superviżorji Ewropej u l-BĊE għandhom jikkondividu l-informazzjoni rilevanti kollha mingħajr dewmien żejjed wara li ssir disponibbli, inkluża informazzjoni superviżorja u statistika, kif ukoll ir-riżultati tal-analiżi tagħhom ta' tali informazzjoni, mal-BERS, meħtieġa għall-kisba tal-missjoni, l-oġettivi u l-kompiti tiegħu.*

Għall-finijiet tal-kondiviżjoni ta' dik l-informazzjoni, l-awtoritajiet superviżorji Ewropej u l-BĊE għandhom jużaw is-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar imsemmija fl-Artikolu 15a, malli tiġi stabbilita.

3. *Meta l-informazzjoni eżistenti disponibbli għall-BERS permezz tal-awtoritajiet superviżorji Ewropej, il-BĊE u s-Sistema Statistika Ewropeama tkunx biżżejjed jew ma tkunx disponibbli fil-ħin, il-BERS għandu jitlob l-informazzjoni meħtieġa biex iwettaq il-mandat tiegħu mill-banek ċentrali nazzjonali, l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali u l-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali f'konformità ma' dan l-Artikolu. Jekk l-informazzjoni tibqa' mhux disponibbli, il-BERS jista' jitlobhamill-Istat Membru kkonċernat, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi kkonferiti, rispettivament, fuq il-Kunsill, il-Kummissjoni (Eurostat), il-BĊE, l-Eurosistema u s-SEBĊ fil-qasam tal-istatistika u l-ġbir ta' data.*
4. *Jekk il-BERS, f'konformità mal-paragrafu 3, jitlob informazzjoni li mhix f'forma fil-qosor jew aggregata, it-talba motivata għandha tispijega għalfejn id-data dwar l-istituzzjoni finanzjarja individwali rispettiva titqies bħala sistematikament rilevanti, u meħtieġa, b'konsiderazzjoni tas-sitwazzjoni prevalenti tas-suq.*
5. *Qabel kull talba, f'konformità mal-paragrafu 3, għal informazzjoni ta' natura superviżorja li ma tkunx fil-qosor jew f'għamla aggregata, il-BERS għandu*

jikkonsulta debitament mal-awtoritajiet superviżorji Ewropej rilevanti sabiex jiżgura li t-talba tkun ġustifikata u proporzjonata. Jekk l-awtoritajiet superviżorji Ewropej rilevanti ma tikkunsidrax it-talba bħala ġustifikata u proporzjonata, hija għandha, mingħajr dewmien, tibgħat it-talba lura għand il-BERS u titlob għal ġustifikazzjoni addizzjonali. Wara li l-BERS ikun ta lill-awtoritajiet superviżorji Ewropej rilevanti tali ġustifikazzjoni addizzjonali, l-informazzjoni mitluba għandha tiġi trażmessa lill-BERS mid-destinatarji tat-talba, dment li dawn ikollhom aċċess legali għall-informazzjoni rilevanti.

2. Fl-Artikolu 15, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“8. Il-BERS għandu jikkondividi *ma’ waħda mill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1, awtorità oħra membru tal-SEFS jew l-awtoritajiet l-oħra*, fuq bażi ta’ każ b’każ jew fuq bażi regolari, l-informazzjoni li jkun kiseb mingħand awtorità oħra *minn dawk l-awtoritajiet jew l-awtoritajiet l-oħra, meta l-awtorità rikjedenti tkun intitolata tikseb dik l-informazzjoni skont il-missjoni, l-oġettivi, il-kompiti u s-setgħat tagħha jew f’konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni.*

Għall-finijiet tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, il-BERS għandu juża s-Sistema Unika Integrata ta’ Rapportar imsemmija fl-Artikolu 15a, malli tiġi stabbilita.

8a. *Il-BERS għandu jitlob lill-awtoritajiet l-oħra informazzjoni li altrimenti jitlob lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra, meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:*

(a) hija intitolata tikseb dik l-informazzjoni skont il-missjoni, l-oġettivi, il-kompiti u s-setgħat tagħha jew f’konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni;

(b) dik l-informazzjoni tkun inkisbet minn tal-anqas waħda mill-awtoritajiet l-oħra.

L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-BERS jikseb l-informazzjoni rikjesta mill-istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra fejn, għal raġunijiet operazzjonali, l-awtorità l-oħra ma tkunx tista’ tikkondividi d-data.

Għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' jekk il-kundizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b) tkunx issodisfata, il-BERS għandu juża s-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar imsemmija fl-Artikolu 15a, malli tiġi stabbilita.

8b. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 15a, "awtoritajiet oħra" tfisser kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet li ġejjin:

- (a) l-awtoritajiet superviżorji Ewropej;*
- (b) awtoritajiet kompetenti, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010;*
- (c) awtoritajiet kompetenti, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (2) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010;*
- (d) awtoritajiet kompetenti, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.*
- (e) l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA), kif stabbilita bir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};*
- (f) awtoritajiet, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1b};*
- (g) il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU), kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (9) tar-Regolament (UE) 1024/2013;*
- (h) il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB);*
- (i) awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (3) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014.*

^{1a} *[UP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument 2021/0240(COD) (proposta għar-Regolament li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu – COM/2021/421 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.*

^{1b} *[UP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument 2021/0250(COD) (proposta għas-Sitt Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/423 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.*

9. It-talba għall-iskambju ta' informazzjoni skont il-paragrafu 8 għandha tindika kif xieraq il-bażi ġuridika skont id-dritt tal-Unjoni li tippermetti lill-awtorità rikjedenti tikseb l-informazzjoni mill-istituzzjonijiet finanzjarji jew minn awtorità oħra msemmija f'dak il-paragrafu. L-awtorità rikjedenti u l-BERS għandhom ikunu soġġetti għall-obbligi tas-segretezza professjonali u d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data stabbiliti fl-Artikolu 8 fil-leġislazzjoni settorjali applikabbli għall-kondiviżjoni tad-data bejn l-istituzzjoni finanzjarja jew awtorità oħra msemmija fil-paragrafu 8 u l-awtorità rikjedenti, kif ukoll għall-kondiviżjoni tad-data bejn awtorità oħra msemmija f'dak il-paragrafu u l-BERS. Il-BERS għandu jinforma lil kull awtorità rilevanti dwar tali skambju ta' informazzjoni ***dment li l-informazzjoni ma tkunx ġiet anonimizzata, modifikata, aggregata jew ittrattata bi kwalunkwe metodu ieħor ta' kontroll tad-divulgazzjoni biex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali***, mingħajr dewmien żejjed.
10. Il-paragrafi 8, **8a** u 9 għandhom japplikaw ukoll għal informazzjoni li l-BERS ikun irċieva ***mill-awtoritajiet l-oħra*** oħra msemmija **■** u li ***fuqhom il-BERS*** ikun sussegwentement wettaq kontrolli tal-kwalità jew li l-BERS ikun ipproċessa mod ieħor.
11. Għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 8,**8a**, 9 u 10, ***il-BERS u l-awtoritajiet l-oħra*** msemmija fil-paragrafu 8 ***għandhom*** jidħlu f'memoranda ta' qbil biex jispeċifikaw il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni. Huma ***għandhom*** jispeċifikaw ukoll arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data kondiviża, ***dment li jkunu jikkonformaw mar-regoli applikabbli għall-protezzjoni tad-data, il-proprjetà intellettuali u s-segretezza professjonali. Il-memoranda ta' qbil għandhom, bi ftehim bejn l-awtoritajiet kollha kkonċernati, isegwu format sempliċi u standardizzati, imfassal meta jkun meħtieġ għall-kundizzjonijiet operattivi speċjali li japplikaw għal awtoritajiet speċifiċi.***
12. Il-paragrafi 8, **9** u 10 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u ma għandhomx jipprevjenu jew jirrestrinġu l-iskambju ta' informazzjoni bejn ***il-BERS u l-awtoritajiet l-oħra*** msemmija **■** f'konformità mad-dispożizzjonijiet f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni. Meta ***l-paragrafi 8, 9 jew 10 ikunu f'kunflitt ma'*** dispożizzjonijiet f'leġislazzjoni oħra tal-

Unjoni li tirregola l-iskambju ta' informazzjoni bejn ***l-awtoritajiet l-oħra***, għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet f'tali leġislażzjoni oħra tal-Unjoni.

13. Mingħajr preġudizzju għal obbligi oħra stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-BERS ***jista'***, fuq talba ġġustifikata u fuq bażi ta' każ b'każ, jikkondividi mal-Kummissjoni **informazzjoni** li awtoritajiet oħra jkunu rrapportaw lilu skont **id-dritt tal-Unjoni**, **f'forma** li ma tippermettix l-identifikazzjoni ta' entitajiet individwali u li ma jkunx fiha data personali. ***L-awtoritajiet li jkunu ppreżentaw tali informazzjoni għandhom jiġu infurmati kif xieraq dwar il-kondiviżjoni li tkun saret.***
14. Il-BERS jista' jagħti aċċess għall-informazzjoni miksuba fit-tweġġiq ta' dmirijietu għall-użu mill-ġdid minn istituzzjonijiet finanzjarji, riċerkaturi u entitajiet oħra b'interess leġittimu f'tali informazzjoni għal finijiet ta' riċerka u innovazzjoni, dment li l-BERS ikun żgura li jkun hemm konformità ma' dan kollu li ġej:
 - (a) l-informazzjoni tkun ġiet anonimizzata, b'tali mod li s-suġġett tad-data jew l-istituzzjoni finanzjarja ma tkunx jew ma tibqax identifikabbli;
 - (b) l-informazzjoni tkun ġiet immodifikata, aggregata jew ittrattata bi kwalunkwe metodu ieħor ta' kontroll dwar divulgazzjoni biex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali, inklużi s-sigrietijiet kummerċjali jew il-kontenut kopert mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;
 - (c) ***il-partijiet li jkun ingħatalhom aċċess ikunu wrew li għandhom il-mezzi teknikament meħtieġa biex jipproteġu l-informazzjoni kunfidenzjali, jiġifieri li għandhom l-għodod li kapaċi jiżguraw il-protezzjoni sħiħa tal-privatezza u l-kunfidenzjalità.***

L-informazzjoni riċevuta minn awtorità oħra għandha tiġi kondiviża biss ***abbażi tal-qbil mal-awtorità*** li inizjalment tkun kisbet l-informazzjoni.

14a. Il-BERS għandu, sa ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], jirrapporta lill-Kummissjoni l-ostakli legali kollha fir-regolamenti settorjali li b'xi mod jipprevenhom milli jiskambjaw informazzjoni mal-awtoritajiet l-oħra jew ma' entitajiet oħra. Ir-rapport jista' jinkludi wkoll rekwiżiti ta' rapportar mhux materjali, obsoleti, duplikati jew b'xi mod ieħor irrilevanti.

Abbażi ta' dak ir-rapport u filwaqt li tqis kif xieraq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, l-obbligi tas-segretezza professjonali u l-protezzjoni tad-data, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex jitneħħew tali ostakli legali fil-leġiżlazzjoni settorjali ħalli jitrawwem l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u ma' entitajiet oħra sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

2a. jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 15a

L-Istabiliment ta' Sistema Unika Integrata ta' Rapportar

1. Sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-BERS għandu, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet l-oħra, iħejji rapport dwar id-dettalji tekniċi tal-istabiliment ta' Sistema Unika Integrata ta' Rapportar kif ukoll pjan direzzjonali, ibbażat fuq il-ħidma fuq l-integrazzjoni tar-rapportar mill-awtoritajiet superviżorji Ewropej fis-setturi tagħhom u jinkludi valutazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji. Għall-finijiet ta' dak ir-rapport, is-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar għandha tinkludi:

- (a) dizzjunarju tad-data komuni biex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza tar-rekwiżiti ta' rapportar u l-istandardizzazzjoni tad-data;**
- (b) repożitorju konġunt tar-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni, tad-deskrizzjonijiet tad-data miġbura u tal-awtoritajiet li jżommuha;**
- (c) spazju ċentrali tad-data inkluż id-disinn tekniku għall-ġbir u l-iskambju tal-informazzjoni; kif ukoll**
- (d) punt ta' kuntatt uniku permanenti biex l-entitajiet jidentifikaw istanzi ta' rapportar doppju, u rekwiżiti ta' rapportar jew divulgazzjoni żejda jew obsoleti.**

F'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn stima tal-impatt finanzjarju globali.

Il-Kummissjoni għandha, meta xieraq, tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex tiżgura r-riżorsi finanzjarji, umani u tal-IT meħtieġa biex tiġi stabbilita s-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar sa ... [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-BERS għandu, flimkien mal-awtoritajiet l-oħra, jistabbilixxi Sistema Unika Integrata ta' Rapportar sa ... [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].”

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1093/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 huwa emendat kif ġej:

-1. *Fl-Artikolu 16a(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:*

“L-opinjonijiet tal-Awtorità ma għandhomx ikunu limitati għal proċeduri leġiżlattivi li jkunu għaddejjin. L-Awtorità tista' wkoll tipproponi fl-opinjonijiet tagħha, meta xieraq, emendi għall-atti leġiżlattivi fis-seħħ, inklużi emendi:

- (a) biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni żejda jew obsoleti fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni jew tat-traspożizzjoni nazzjonali tad-dritt tal-Unjoni mill-Istati Membri;*
- (b) biex jiġu żgurati rekwiżiti konsistenti ta' rapportar u divulgazzjoni fil-leġiżlazzjoni kollha speċifika għas-settur, kif ukoll transsettorjali;*
- (c) biex tiġi żgurata l-proporzjonalità fir-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni fir-rigward tan-natura, id-daqs u l-kumplexità tal-entità relatriċi;*
- (d) biex jiġi żgurat li l-konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni jkunu proporzjonati mal-valur miżjud għat-twettiq tal-kompiti u l-objettivi tal-Awtorità.*

Għall-finijiet tal-opinjonijiet dwar l-atti leġiżlattivi fis-seħħ imsemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Awtorità għandha tqis kif xieraq il-kontribut mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha permezz ta' konsultazzjoni ddedikata. Abbażi ta' daww il-opinjonijiet, il-

Kummissjoni għandha, fejn ikun xieraq, tressaq proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ”

1. Fl-Artikolu 29(1), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) tirreżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta xieraq, ***filwaqt li tinżamm l-utilizzabbiltà u l-kwalità tad-data, sabiex:***

- jitneħħew ir-rekwiżiti ta' rapportar ***u divulgazzjoni*** żejda jew obsoleti;

- ***jiġu żgurati rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni proporzjonati u standardizzati;***

- jiġu minimizzati l-ispejjeż;

- ***jiġu indirizzati l-lakuni regolatorji;*** ”

2. Fl-Artikolu 30(3), jiżdied il-punt (e) li ġej:

“(e) l-effettività tar-rekwiżiti nazzjonali ta' rapportar ***u divulgazzjoni*** u l-grad ta' konverġenza ta' tali rekwiżiti ma' daww stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni ***u l-idoneità tagħhom biex jilhqg l-istandards stabbiliti fih, filwaqt li jittieħed kont fil-karatteristiċi speċifiċi ta' ġurisdiżżjonijiet finanzjarji nazzjonali.***”;

3. Fl-Artikolu 35, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Qabel ma titlob informazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu u bil-għan ***li jiġi żgurat li ma jkun hemm ebda*** rduppar tal-obbligi ta' rapportar ***u divulgazzjoni***, l-Awtorità għandha tqis l-informazzjoni miġbura ***mill-awtoritajiet l-oħra*** msemmija fl-Artikolu ***35a(1b)*** u kwalunkwe statistika eżistenti rilevanti prodotta u disseminata mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.”;

4. jiddaħħal l-Artikolu 35a li ġej:

“Artikolu 35a

Skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u ma' entitajiet oħra

1. L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkondividu **mal-awtoritajiet l-oħra**, fuq bażi ta' każ b'każ jew fuq bażi regolari, l-informazzjoni li jkunu kisbu mingħand istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra, **meta l-awtorità rikjedenti jkollha d-dritt li tikseb dik l-informazzjoni, skont il-missjoni, l-objettivi, il-kompiti u s-setgħat tagħha jew f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni.**
2. It-talba għall-iskambju ta' informazzjoni għandha tindika kif xieraq il-bażi ġuridika skont id-dritt tal-Unjoni li tippermetti lill-awtorità rikjedenti tikseb l-informazzjoni mill-istituzzjonijiet finanzjarji jew minn awtoritajiet kompetenti oħra. L-awtorità rikjedenti u l-awtorità tal-kondiviżjoni għandhom ikunu soġġetti għall-obbligi tas-segretezza professjonali u tal-protezzjoni tad-data stabbiliti fl-Artikoli 70 u 71 u fil-leġiżlazzjoni settorjali applikabbli għall-kondiviżjoni tad-data bejn l-istituzzjoni finanzjarja u l-awtorità rikjedenti, kif ukoll għall-kondiviżjoni tad-data bejn l-istituzzjoni finanzjarja u l-awtorità tal-kondiviżjoni. L-awtorità tal-kondiviżjoni għandha tinforma lil kull istituzzjoni finanzjarja **dwar tali skambju ta' informazzjoni, dment li l-informazzjoni ma tkunx għet anonimizzata, modifikata, aggregata jew ittrattata bi kwalunkwe metodu ieħor ta' kontroll fuq id-divulgazzjoni biex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali**, mingħajr dewmien żejjed.
3. Il-paragrafi 1, **1a** u 2 għandhom japplikaw ukoll għall-informazzjoni li l-awtorità tal-kondiviżjoni tkun irċeviet minn istituzzjoni finanzjarja jew **l-awtoritajiet l-oħra** u li **fuqhom** l-awtorità tal-kondiviżjoni tkun sussegwentement wettqet kontrolli tal-kwalità jew li l-awtorità tal-kondiviżjoni tkun ipproċessat mod ieħor.
4. Għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 1, **1a**, 2 u 3, **l-Awtorità u l-awtoritajiet l-oħra għandhom** jidħlu f'memoranda ta' qbil biex jispeċifikaw il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni. Huma **għandhom** jispeċifikaw ukoll arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data kondiviżja, **dment li jikkonformaw mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, il-proprjetà intellettwali u s-segretezza professjonali. Il-memoranda ta' qbil għandhom, bi ftehim bejn l-awtoritajiet kollha kkonċernati, isegwu format sempliċi u standardizzati, imfassal meta jkun meħtieġ għall-kundizzjonijiet operattivi speċjali li jistgħu japplikaw għal awtoritajiet speċifiċi.**

5. Il-paragrafi 1 sa 4 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u ma għandhomx jipprevjenu jew jirrestrinġu l-iskambju ta' informazzjoni bejn ***L-Awtorità u l-awtoritajiet l-oħra*** f'konformità mad-dispożizzjonijiet f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni. Meta d-dispożizzjonijiet f'dan l-Artikolu jkunu f'kunflitt ma' dispożizzjonijiet f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni li tirregola l-iskambju ta' informazzjoni bejn ***l-awtoritajiet l-oħra***, għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet f'tali leġislazzjoni oħra tal-Unjoni.
6. Mingħajr preġudizzju għal obbligi oħra stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, l-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti ***jistgħu***, fuq talba ġġustifikata, jikkondividu fuq bażi ta' każ b'każ, mal-Kummissjoni ■, informazzjoni li l-istituzzjonijiet finanzjarji jkunu rrapportaw lilhom skont dmirijiethom fid-dritt tal-Unjoni ■ f'forma li ma tippermettix l-identifikazzjoni ta' entitajiet individwali u li ma jkunx fiha data personali. ***L-awtoritajiet li jkunu ppreżentaw tali informazzjoni għandhom jiġu infurmati kif xieraq dwar il-kondiviżjoni li tkun saret.***
7. L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu aċċess għall-informazzjoni miksuba meta jwettqu dmirijiethom għall-użu mill-ġdid minn istituzzjonijiet finanzjarji, riċerkaturi u entitajiet oħra b'interess leġittimu f'tali informazzjoni għal finijiet ta' riċerka u innovazzjoni, dment li l-Awtorità tkun żgurat li jkun hemm konformità ma' dan kollu li ġej:
- (a) l-informazzjoni tkun ġiet anonimizzata, b'tali mod li s-suġġett tad-data jew l-istituzzjoni finanzjarja ma tkunx jew ma tibqax identifikabbli;
 - (b) l-informazzjoni tkun ġiet immodifikata, aggregata jew ittrattata bi kwalunkwe metodu ieħor ta' kontroll dwar divulgazzjoni biex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali, inklużi s-sigrietijiet kummerċjali jew il-kontenut kopert mid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.

L-informazzjoni riċevuta minn awtorità oħra għandha tiġi kondiviża biss ***abbażi tal-qbil*** tal-awtorità li inizjalment tkun kisbet l-informazzjoni.

- 7a. ***L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom, sa ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], jirrapportaw lill-Kummissjoni l-ostakli legali kollha fir-regolamenti settorjali li b'xi mod jipprevenuhom milli jiskambjaw***

informazzjoni mal-awtoritajiet l-oħra jew ma' entitajiet oħra. Ir-rapport jista' jinkludi wkoll rekwiżiti ta' rapportar mhux materjali, obsoleti, duplikati jew b'xi mod ieħor irrilevanti, u suġġerimenti biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti ta' rapportar ta' kumpaniji finanzjarji u dawk mhux finanzjarji.

Abbażi ta' dak ir-rapport u filwaqt li tqis kif xieraq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-obbligi tas-segretezza professjonali u l-protezzjoni tad-data, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex jitneħħew tali ostakli legali fil-leġiżlazzjoni settorjali ħalli jitrawwem l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u ma' entitajiet oħra sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].”;

4a. jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 35b

L-Istabiliment ta' Sistema Unika Integrata ta' Rapportar

1. Sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-Awtorità għandha, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet l-oħra u l-SEBĊ, tħejji rapport dwar id-dettalji tekniċi tal-istabiliment ta' Sistema Unika Integrata ta' Rapportar kif ukoll pjan direzzjonali, ibbażat fuq il-ħidma fuq l-integrazzjoni tar-rapportar mill-awtoritajiet superviżorji Ewropej fis-setturi tagħhom u jinkludi valutazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji. Għall-finijiet ta' dak ir-rapport, is-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar għandha tinkludi:

- (a) dizzjunarju tad-data komuni biex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza tar-rekwiżiti ta' rapportar u l-istandardizzazzjoni tad-data;*
- (b) repożitorju konġunt tar-rekwiżiti ta' rapportar u ta' divulgazzjoni, tad-deskrizzjonijiet tad-data miġbura u tal-awtoritajiet li jżommuha;*
- (c) spazju ċentrali tad-data, inkluż id-disinn tekniku għall-ġbir u l-iskambju tal-informazzjoni; kif ukoll*
- (d) punt ta' kuntatt uniku permanenti biex l-entitajiet jidentifikaw istanzi ta' rapportar doppju, u rekwiżiti ta' rapportar jew divulgazzjoni żejda jew obsoleti.*

F'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn stima tal-impatt finanzjarju globali.

Il-Kummissjoni għandha, meta xieraq, tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex tiżgura r-riżorsi finanzjarji, umani u tal-IT meħtieġa biex tiġi stabbilita s-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar sa ... [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

L-Awtorità għandha, flimkien mal-awtoritajiet l-oħra, tistabbilixxi Sistema Unika Integrata ta' Rapportar sa ... [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].”

4b. *Fl-Artikolu 36, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

2. *L-Awtorità, flimkien mas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), il-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-BERS u jipprovduh billi jikkondividu l-informazzjoni u l-analiżi kollha meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha.*

L-Awtorità għandha, flimkien mal-BERS u l-BĊE, tikkoordina l-isforzi tagħha biex tidentifika, timmonitorja, tipprevjeni u timmitiga r-riskji sistemiċi għall-istabbiltà finanzjarja.

L-Awtorità għandha, f'konformità mal-Artikolu 15(1) sa (5) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, tikkonforma mad-dispożizzjonijiet deskritti dwar il-kondiviżjoni tad-data.

L-Awtorità, f'kooperazzjoni mal-BERS, għandha tistabbilixxi proċeduri interni adegwati għat-trażmissjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali, partikolarment informazzjoni dwar istituzzjonijiet finanzjarji individwali.

5. Fl-Artikolu 54(2), jiżdied il-paragrafu li ġej:

“ — ir-rekwiżiti ta' rapportar *u divulgazzjoni* l-ġbir ta' informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji.”;

6. Fl-Artikolu 70, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jipprevjenu lill-Awtorità milli tiskambja informazzjoni *mal-awtoritajiet l-oħra msemmija fl-Artikolu 35a(1b)*– f’konformità ma’ dan ir-Regolament u ma’ leġislazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji.”.

Artikolu 3

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1094/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 huwa emendat kif ġej:

-1. *Fl-Artikolu 16a(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:*

“L-opinjonijiet tal-Awtorità ma għandhomx ikunu limitati għal proċeduri leġiżlattivi li jkunu għaddejnin. L-Awtorità tista’ wkoll tipproponi fl-opinjonijiet tagħha, meta xieraq, emendi għall-atti leġiżlattivi fis-seħħ, inklużi emendi:

- (a) biex jitneħħew rekwiżiti ta’ rapportar u divulgazzjoni żejda jew obsoleti fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni jew tat-traspożizzjoni nazzjonali tad-dritt tal-Unjoni mill-Istati Membri;***
- (b) biex jiġu żgurati rekwiżiti konsistenti ta’ rapportar u divulgazzjoni fil-leġislazzjoni kollha speċifika għas-settur, kif ukoll transsettorjali;***
- (c) biex tiġi żgurata l-proporzjonalità fir-rekwiżiti ta’ rapportar u divulgazzjoni fir-rigward tan-natura, id-daqs u l-kumplexità tal-entità relatriċi;***
- (d) biex jiġi żgurat li l-konformità mar-rekwiżiti ta’ rapportar u divulgazzjoni jkunu proporzjonati mal-valur miżjud għat-twettiq tal-kompiti u l-oġettivi tal-Awtorità.***

Għall-finijiet tal-opinjonijiet dwar l-atti leġiżlattivi fis-seħħ imsemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Awtorità għandha tqis kif xieraq il-kontribut mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha permezz ta’ konsultazzjoni ddedikata. Abbażi ta’ dawk l-opinjonijiet, il-Kummissjoni għandha, fejn ikun xieraq, tressaq proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

1. Fl-Artikolu 29, il-punt (d) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta’ implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi meta xieraq, **filwaqt li tinżamm l-utilizzabbiltà u l-kwalità tad-data, sabiex:**

- jitneħħew rekwiżiti ta’ rapportar **u divulgazzjoni** żejda jew obsoleti;

- **jiġu żgurati rekwiżiti ta’ rapportar u divulgazzjoni proporzjonati u standardizzati;**

- jiġu minimizzati l-ispejjeż;

- **jiġu indirizzati l-lakuni regolatorji; ”**

2. Fl-Artikolu 30(3), jiżdied il-punt (e) li ġej:

“(e) l-effettività tar-rekwiżiti nazzjonali ta’ rapportar **u divulgazzjoni** u l-grad ta’ konverġenza ta’ tali rekwiżiti ma’ dawk stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni **u l-idoneità tagħhom biex jilhqg l-istandards stabbiliti fih, filwaqt li jiġqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-ġurisdizzjonijiet finanzjarji nazzjonali.**”;

3. Fl-Artikolu 35, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“4. Qabel ma titlob informazzjoni f’konformità ma’ dan l-Artikolu u **sabiex jiġi żgurat ebda** rduppar tal-obbligi ta’ rapportar **u divulgazzjoni**, l-Awtorità għandha tqis l-informazzjoni miġbura **mill-awtoritajiet l-oħra** msemmija fl-Artikolu **35a(1b)** u kwalunkwe statistika eżistenti rilevanti prodotta u disseminata mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika u s-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali.”;

4. jiddaħħal l-Artikolu 35a li ġej:

“Artikolu 35a

Skambju ta’ informazzjoni bejn l-awtoritajiet u ma’ entitajiet oħra

1. L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkondividu **mal-awtoritajiet l-oħra**, fuq bażi ta’ każ b’każ jew fuq bażi regolari, l-informazzjoni li jkunu kisbu mingħand istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra , **fejn l-awtorità rikjedenti tkun intitolata tikseb dik l-informazzjoni, skont il-missjoni, l-oġettivi, il-kompiti u s-setgħat tagħha jew f’konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni.**

Għall-finijiet tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Awtorità jew l-awtorità kompetenti għandha tuża s-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar imsemmija fl-Artikolu 35b, malli tiġi stabbilita.

1a. L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu lkoll lill-awtoritajiet l-oħra informazzjoni li altrimenti jitolbu lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra, meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) huma intitolati jiksbu dik l-informazzjoni skont il-missjoni, l-oġettivi, il-kompiti u s-setgħat tagħhom jew f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni;

(b) dik l-informazzjoni tkun inkisbet minn tal-anqas waħda mill-awtoritajiet l-oħra.

L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti jiksbu l-informazzjoni mitluba minn istituzzjonijiet finanzjarji jew minn awtoritajiet kompetenti oħra meta, għal raġunijiet operazzjonali, l-awtorità l-oħra ma tkunx tista' tikkondividi d-data.

Għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' jekk il-kundizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b) tkunx issodisfata, l-Awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw is-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar imsemmija fl-Artikolu 35b, malli tiġi stabbilita.

1b. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, tal-Artikolu 35b u tal-Artikolu 70(3), "awtoritajiet oħra" tfisser kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet li ġejjin:

(a) awtoritajiet superviżorji Ewropej oħra;

(b) il-BERS;

(c) awtoritajiet kompetenti, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (2), ta' dan ir-Regolament;

(d) awtoritajiet kompetenti, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.

(e) awtoritajiet kompetenti, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

- (f) *l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA), kif stabbilita bir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};*
- (g) *awtoritajiet, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1b};*
- (h) *il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (SSM), kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (9) tar-Regolament (UE) 1024/2013;*
- (i) *il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB);*
- (j) *awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (3) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014.*

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "istituzzjoni finanzjarja" tfisser "istituzzjoni finanzjarja" kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.

2. It-talba għall-iskambju ta' informazzjoni għandha tindika kif xieraq il-bażi ġuridika skont id-dritt tal-Unjoni li tippermetti lill-awtorità rikjedenti tikseb l-informazzjoni mill-istituzzjonijiet finanzjarji jew minn awtoritajiet kompetenti oħra. L-awtorità rikjedenti u l-awtorità tal-kondiviżjoni għandhom ikunu soġġetti għall-obbligi tas-segretezza professjonali u tal-protezzjoni tad-data stabbiliti fl-Artikoli 70 u 71 u fil-leġiżlazzjoni settorjali applikabbli għall-kondiviżjoni tad-data bejn l-istituzzjoni finanzjarja u l-awtorità rikjedenti, kif ukoll għall-kondiviżjoni tad-data bejn l-istituzzjoni finanzjarja u l-awtorità tal-kondiviżjoni. L-awtorità tal-kondiviżjoni għandha tinforma lil kull istituzzjoni finanzjarja rilevanti dwar tali skambju ta' informazzjoni, ***dment li l-informazzjoni ma tkunx ġiet anonimizzata, modifikata, aggregata jew ittrattata bi kwalunkwe metodu ieħor ta' kontroll fuq id-divulgazzjoni biex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali***, mingħajr dewmien żejjed.

^{1a} *[UP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument 2021/0240(COD) (proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu – COM/2021/421 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.*

^{1b} *[UP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument 2021/0250(COD) (proposta għas-Sitt Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/423 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.*

3. Il-paragrafi 1, **1a** u 2 għandhom japplikaw ukoll għall-informazzjoni li l-awtorità tal-kondiviżjoni tkun irċeviet minn istituzzjoni finanzjarja jew **l-awtoritajiet l-oħra** u li **fuqhom** l-awtorità tal-kondiviżjoni tkun sussegwentement wettqet kontrolli tal-kwalità jew li l-awtorità tal-kondiviżjoni tkun ipproċessat mod ieħor.
4. Għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 1, **1a**, 2 u 3, **l-Awtorità u l-awtoritajiet l-oħra** msemija fil-paragrafu 1 **għandhom** jidħlu f'memoranda ta' qbil biex jispeċifikaw il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni. Huma **għandhom** jispeċifikaw ukoll arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data kondiviża. **Il-memoranda ta' qbil għandhom, bi ftehim bejn l-awtoritajiet kollha kkonċernati, isegwu format sempliċi u standardizzati, imfassal meta jkun meħtieġ għall-kundizzjonijiet operattivi speċjali li jistgħu japplikaw għal awtoritajiet speċifiċi.**
5. Il-paragrafi 1 sa 4 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u ma għandhomx jipprevjenu jew jirrestrinġu l-iskambju ta' informazzjoni **bejn l-Awtoritajiet u l-awtoritajiet l-oħra** msemija ■ f'konformità mad-dispożizzjonijiet f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni. Meta d-dispożizzjonijiet f'dan l-Artikolu jkunu f'kunflitt ma' dispożizzjonijiet f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni li tirregola l-iskambju ta' informazzjoni bejn **l-awtoritajiet l-oħra** msemija ■, għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet f'tali leġislazzjoni oħra tal-Unjoni.
6. Mingħajr preġudizzju għal obbligi oħra stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, l-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti **jistgħu**, fuq talba ġġustifikata, jikkondividu fuq bażi ta' każ b'każ, ■ informazzjoni li l-istituzzjonijiet finanzjarji jkunu rrapportaw lilhom skont dmirijiethom fid-dritt tal-Unjoni ■ f'forma li ma tippermettix l-identifikazzjoni ta' entitajiet individwali u li ma jkunx fiha data personali.
7. L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu aċċess għall-informazzjoni miksuba meta jwettqu dmirijiethom għall-użu mill-ġdid minn istituzzjonijiet finanzjarji, riċerkaturi u entitajiet oħra b'interess leġittimu f'tali informazzjoni għal finijiet ta' riċerka u innovazzjoni, dment li l-Awtorità tkun żgurat li jkun hemm konformità ma' dan kollu li ġej:
 - (a) l-informazzjoni tkun ġiet anonimizzata, b'tali mod li s-suġġett tad-data jew l-istituzzjoni finanzjarja ma tkunx jew ma tibqax identifikabbli;

(b) l-informazzjoni tkun ġiet immodifikata, aggregata jew ittrattata bi kwalunkwe metodu ieħor ta' kontroll dwar divulgazzjoni biex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali, inklużi s-sigrieti kummerċjali jew il-kontenut kopert mid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.

L-informazzjoni riċevuta minn awtorità oħra għandha tiġi kondiviża biss *abbażi tal-qbil* tal-awtorità li inizjalment tkun kisbet l-informazzjoni.”;

7a. *L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom, sa... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], jirrapportaw lill-Kummissjoni l-ostakli legali kollha fir-regolamenti settorjali li b'xi mod jipprevenuhom milli jiskambjaw informazzjoni mal-awtoritajiet l-oħra jew ma' entitajiet oħra. Ir-rapport jista' jindirizza wkoll rekwiżiti ta' rapportar mhux materjali, obsoleti, duplikati jew b'xi mod ieħor irrilevanti, kif ukoll suġġerimenti biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti ta' rapportar ta' kumpaniji finanzjarji u dawk mhux finanzjarji.*

Abbażi ta' dak ir-rapport u filwaqt li tqis kif xieraq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, l-obbligi tas-segretezza professjonali u l-protezzjoni tad-data, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex jitneħħew tali ostakli legali fil-leġiżlazzjoni settorjali ħalli jitrawwem l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u ma' entitajiet oħra sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].”;

4a. jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 35b

L-Istabiliment ta' Sistema Unika Integrata ta' Rapportar

1. Sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-Awtorità għandha, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet l-oħra u l-BERS, tħejji rapportar dwar id-dettalji tekniċi tal-istabiliment ta' Sistema Unika Integrata ta' Rapportar kif ukoll pjan direzzjonali, ibbażat fuq il-ħidma fuq l-integrazzjoni tar-rapportar mill-awtoritajiet superviżorji Ewropej fis-setturi tagħhom u jinkludi valutazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji. Għall-finijiet ta' dak ir-rapport, is-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar għandha tinkludi:

- (a) *dizzjunarju tad-data komuni biex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza tar-rekwiżiti ta' rapportar u l-istandardizzazzjoni tad-data;*
- (b) *repożitorju konġunt tar-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni, tad-deskrizzjonijiet tad-data miġbura u tal-awtoritajiet li jżommuha;*
- (c) *spazju ċentrali tad-data, inkluż id-disinn tekniku għall-ġbir u l-iskambju tal-informazzjoni; kif ukoll*
- (d) *punt ta' kuntatt uniku permanenti biex l-entitajiet jidentifikaw istanzi ta' rapportar doppju, u rekwiżiti ta' rapportar jew divulgazzjoni żejda jew obsoleti.*

F'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn stima tal-impatt finanzjarju globali.

Il-Kummissjoni għandha, meta xieraq, tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex tiżgura r-riżorsi finanzjarji, umani u tal-IT meħtieġa biex tiġi stabbilita s-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar sa ... [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

L-Awtorità għandha, flimkien mal-awtoritajiet l-oħra, tistabbilixxi Sistema Unika Integrata ta' Rapportar sa ... [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].”

4b. Fl-Artikolu 36, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

2. L-Awtorità, flimkien mas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali, għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-BERS billi jikkondividu l-informazzjoni u l-analiżi kollha meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom.

L-Awtorità għandha, flimkien mal-BERS u l-BĊE, tikkoordina l-isforzi tagħha biex tidentifika, timmonitorja, tipprevjeni u timmitiga r-riskji sistemiċi għall-istabbiltà finanzjarja.

L-Awtorità għandha, f'konformità mal-Artikolu 15(1) sa (5) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet deskritti dwar il-kondiviżjoni tad-data.

L-Awtorità, f'kooperazzjoni mal-BERS, għandha tistabbilixxi proċeduri interni adegwati għat-trażmissjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali, partikolarment informazzjoni dwar istituzzjonijiet finanzjarji individwali.

5. Fl-Artikolu 2, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“ — ir-rekwiżiti ta' rapportar **u divulgazzjoni** u l-ġbir ta' informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji.”;

6. Fl-Artikolu 70, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jipprevjenu lill-Awtorità milli tiskambja informazzjoni **mal-awtoritajiet l-oħra msemmija fl-Artikolu 35a(1b)** f'konformità ma' dan ir-Regolament u ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji.”

Artikolu 4

Emendi għar-Regolament Nru (UE) 1095/2010

Ir-Regolament (UE) 1095/2010 huwa emendat kif ġej:

-1. fl-Artikolu 16a(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-opinjonijiet tal-Awtorità ma għandhomx ikunu limitati għal proċeduri leġiżlattivi li jkunu għaddejjin. L-Awtorità tista' wkoll tipproponi fl-opinjonijiet tagħha, fejn xieraq, emendi għall-atti leġiżlattivi fis-seħħ, inklużi emendi:

- (a) biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni żejda jew obsoleti fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni jew tat-traspożizzjoni nazzjonali tad-dritt tal-Unjoni mill-Istati Membri;***
- (b) biex jiġu żgurati rekwiżiti konsistenti ta' rapportar u divulgazzjoni fil-leġiżlazzjoni kollha speċifika għas-settur, kif ukoll transsettorjali;***
- (c) biex tiġi żgurata l-proporzjonalità fir-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni fir-rigward tan-natura, id-daqs u l-kumplexità tal-entità li tirrapporta;***

(d) biex jiġi żgurat li l-konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni jkunu proporzjonati mal-valur miżjud għat-twettiq tal-kompiti u l-obiettivi tal-Awtorità.

Għall-finijiet tal-opinjoniġiet dwar l-atti leġiżlattivi fis-seħħ imsemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Awtorità għandha tqis kif xieraq il-kontribut mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha permezz ta' konsultazzjoni ddedikata. Abbażi ta' dawk l-opinjoniġiet, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tissottometti proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

1. fl-Artikolu 29(1), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjoniġiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi *fejn* xieraq, *filwaqt li żżomm l-utilizzabbiltà u l-kwalità tad-data, sabiex:*

- jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar *u divulgazzjoni* żejda jew obsoleti;

- *jiġu żgurati rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni proporzjonati u standardizzati;*

- jiġu minimizzati l-ispejjeż;

- *jiġu indirizzati l-lakuni regolatorji;* ”

2. fl-Artikolu 30(3), jiżdied il-punt (e) li ġej:

“(e) l-effettività tar-rekwiżiti nazzjonali ta' rapportar *u divulgazzjoni* u l-grad ta' konverġenza ta' tali rekwiżiti ma' dawk stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni *u l-idoneità tagħhom biex jissodisfaw l-istandards stabbiliti fihom, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-ġurisdizzjoniġiet finanzjarji nazzjonali.*”;

3. fl-Artikolu 35, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Qabel ma titlob informazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu u *sabiex ma jkunx hemm irduppar* tal-obbligi ta' rapportar *u divulgazzjoni*, l-Awtorità għandha tqis l-informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet l-oħra msemmija fl-Artikolu 35a(1b) u kwalunkwe statistika eżistenti rilevanti prodotta u disseminata mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.”;

4. jiddaħħal l-Artikolu 35a li ġej:

“Artikolu 35a

Skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u ma' entitajiet oħra

1. L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkondividu ma' awtoritajiet l-oħra, fuq bażi ta' każ b'każ jew fuq bażi regolari, l-informazzjoni li jkunu kisbu mingħand istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra, *meta l-awtorità rikjedenti tkun intitolata tikseb dik l-informazzjoni, skont il-missjoni, l-objettivi, il-kompiti u s-setgħat tagħha jew f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni.*

Għall-finijiet tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Awtorità jew l-awtorità kompetenti għandhom jużaw is-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar imsemmija fl-Artikolu 35b, malli tiġi stabbilita.

1a. *L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom kull waħda minnhom jitolbu mill-awtoritajiet l-oħra informazzjoni li altrimenti jitolbu minn istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra, meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:*

(a) *huma intitolati jiksbu dik l-informazzjoni skont il-missjoni, l-objettivi, il-kompiti u s-setgħat tagħhom jew f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni;*

(b) *dik l-informazzjoni tkun inkisbet minn tal-inqas waħda mill-awtoritajiet l-oħra.*

L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti jiksbu l-informazzjoni mitluba minn istituzzjonijiet finanzjarji jew minn awtoritajiet kompetenti oħra meta, għal raġunijiet operazzjonali, l-awtorità l-oħra ma tkunx tista' tikkondividi d-data.

Għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' jekk il-kundizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tkunx issodisfata, l-Awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw is-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar imsemmija fl-Artikolu 35b, malli tiġi stabbilita.

1b. *Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, tal-Artikolu 35b u tal-Artikolu 70(3), “awtoritajiet oħra” tfisser kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet li ġejjin:*

- (a) *awtoritajiet superviżorji Ewropej oħra;*
- (b) *il-BERS*
- (c) *l-awtoritajiet kompetenti, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (2), ta' dan ir-Regolament;*
- (d) *l-awtoritajiet kompetenti, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010;*
- (e) *l-awtoritajiet kompetenti, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (3), tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;*
- (f) *l-AMLA, kif stabbilit bir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};*
- (g) *l-awtoritajiet, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1b};*
- (h) *il-MSU, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (9), tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013;*
- (i) *l-SRB;*
- (j) *l-awtoritajiet nazzjonali ta' rizzoluzzjoni, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (3) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014.*

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "istituzzjoni finanzjarja" tfisser "istituzzjoni finanzjarja" kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.

2. It-talba għall-iskambju ta' informazzjoni għandha tindika kif xieraq il-bażi ġuridika skont id-dritt tal-Unjoni li tippermetti lill-awtorità rikjedenti tikseb l-informazzjoni mill-

^{1a} *UP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument 2021/0240(COD) (proposta għal-Regolament li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu – COM/2021/421 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.*

^{1b} *UP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument 2021/0250(COD) (proposta għas-Sitt Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/423 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.*

istituzzjonijiet finanzjarji jew minn awtoritajiet kompetenti oħra. L-awtorità rikjedenti u l-awtorità tal-kondiviżjoni għandhom ikunu soġġetti għall-obbligi tas-segretezza professjonali u tal-protezzjoni tad-data stabbiliti fl-Artikoli 70 u 71 u fil-leġiżlazzjoni settorjali applikabbli għall-kondiviżjoni tad-data bejn l-istituzzjoni finanzjarja u l-awtorità rikjedenti, kif ukoll għall-kondiviżjoni tad-data bejn l-istituzzjoni finanzjarja u l-awtorità tal-kondiviżjoni. L-awtorità tal-kondiviżjoni għandha tinforma lil kull istituzzjoni finanzjarja rilevanti dwar tali skambju ta' informazzjoni, **sakemm l-informazzjoni ma tkunx ġiet anonimizzata**, modifikata, aggregata jew ittrattata bi kwalunkwe metodu ieħor ta' kontroll fuq id-divulgazzjoni biex tiġi protetta **l-informazzjoni kunfidenzjali**, mingħajr dewmien żejjed.

3. Il-paragrafi 1, 1a u 2 għandhom japplikaw ukoll għall-informazzjoni li l-awtorità tal-kondiviżjoni tkun irċeviet minn istituzzjoni finanzjarja jew awtorità oħra msemmija fil-paragrafu 1 u li fuqha l-awtorità tal-kondiviżjoni tkun sussegwentement wettqet kontrolli tal-kwalità jew li l-awtorità tal-kondiviżjoni tkun ipproċessat mod ieħor.
4. Għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 1, 1a, 2 u 3, l-Awtorità u l-awtoritajiet l-oħra għandhom jidħlu f'memoranda ta' qbil biex jispeċifikaw il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni. Huma għandhom jispeċifikaw ukoll arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data kondiviża, **dment li tali arranġamenti jikkonformaw mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, il-proprjetà intellettwali u s-segretezza professjonali. Il-memoranda ta' qbil għandhom, bi ftehim bejn l-awtoritajiet kollha kkonċernati, isegwu format sempliċi u standardizzati, imfassal apposta meta jkun meħtieġ għal kwalunkwe kundizzjoni operattiva speċjali li tista' tapplika għal awtoritajiet speċifiċi.**
5. Il-paragrafi 1 sa 4 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u ma għandhomx jipprevjenu jew jirrestrinġu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Awtorità u l-awtoritajiet l-oħra ■ f'konformità mad-dispożizzjonijiet f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni. Meta d-dispożizzjonijiet f'dan l-Artikolu jkunu f'kunflitt ma' dispożizzjonijiet f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li tirregola l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ■, għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet f'tali leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

6. Mingħajr preġudizzju għal obbligi oħra stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, l-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq talba ġġustifikata, jikkondividu fuq bażi ta' każ b'każ, mal-Kummissjoni ■ informazzjoni li l-istituzzjonijiet finanzjarji jkunu rrapportaw lilhom skont dmirijiethom fid-dritt tal-Unjoni, ■ f'forma li ma tippermettix l-identifikazzjoni ta' entitajiet individwali u li ma jkunx fiha data personali. ***L-awtoritajiet li jkunu ssottomettew tali informazzjoni għandhom jiġu infurmati kif xieraq dwar il-kondiviżjoni li tkun saret.***
7. L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu aċċess għall-informazzjoni miksuba meta jwettqu dmirijiethom għall-użu mill-ġdid minn istituzzjonijiet finanzjarji, riċerkaturi u entitajiet oħra b'interess leġittimu f'tali informazzjoni għal finijiet ta' riċerka u innovazzjoni, dment li l-Awtorità tkun żgurat li jkun hemm konformità ma' dan kollu li ġej:
- (a) l-informazzjoni tkun ġiet anonimizzata, b'tali mod li s-suġġett tad-data jew l-istituzzjoni finanzjarja ma tkunx jew ma tibqax identifikabbli;
 - (b) l-informazzjoni tkun ġiet immodifikata, aggregata jew ittrattata bi kwalunkwe metodu ieħor ta' kontroll dwar divulgazzjoni biex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali, inklużi s-sigrietijiet kummerċjali jew il-kontenut kopert mid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.
 - (c) ***il-partijiet li jkunu ngħataw aċċess ikunu wrew li huma għandhom il-mezzi tekniċi meħtieġa biex jipproteġu informazzjoni kunfidenzjali, jiġifieri, ikollhom fil-pussess tagħhom strumenti kapaċi jiżguraw għalkollox il-protezzjoni tal-privatezza u tal-kunfidenzjalità.***

L-informazzjoni riċevuta minn awtorità oħra għandha tiġi kondiviża biss ***fuq din il-bażi*** bil-qbil tal-awtorità li inizjalment tkun kisbet l-informazzjoni.”;

- 7a. ***L-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti għandhom, sa... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], jirrapportaw lill-Kummissjoni l-ostakli legali kollha fir-regolamenti settorjali li bi kwalunkwe mod jipprevenuhom milli jiskambjaw informazzjoni mal-awtoritajiet l-oħra jew ma' entitajiet oħra. Ir-rapport jista' jindirizza wkoll rekwiżiti ta' rapportar mhux materjali, obsoleti, duplikati jew b'xi mod ieħor***

irrelevanti, u suġġerimenti biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti ta' rapportar ta' kumpaniji finanzjarji u dawk mhux finanzjarji.

Abbażi ta' dak ir-rapport u filwaqt li tqis kif xieraq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, l-obbligi tas-segretezza professjonali u l-protezzjoni tad-data, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex jitneħħew tali ostakoli legali fil-leġiżlazzjoni settorjali sabiex jitravwem l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u ma' entitajiet oħra sa ... [sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].”;

4a. jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 35b

Stabbiliment ta' Sistema Unika Integrata ta' Rapportar

1. Sa... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-Awtorità, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet l-oħra u mas-SEBĊ, għandha theggi rapport dwar id-dettalji tekniċi tal-istabbiliment ta' Sistema Unika Integrata ta' Rapportar, kif ukoll pjan direzzjonali, ibbażat fuq il-ħidma fuq l-integrazzjoni tar-rapportar mill-awtoritajiet superviżorji Ewropej fis-setturi tagħhom u tinkludi valutazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji. Għall-finijiet ta' dak ir-rapport, is-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar għandha tinkludi:

- (a) dizzjunarju tad-data komuni biex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza tar-rekwiżiti ta' rapportar u l-istandardizzazzjoni tad-data;*
- (b) repożitorju konġunt tar-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni, tad-deskrizzjonijiet tad-data miġbura u tal-awtoritajiet li jżommuha;*
- (c) spazju ċentrali tad-data, inkluż id-disinn tekniku għall-ġbir u l-iskambju tal-informazzjoni; u*
- (d) punt ta' kuntatt uniku permanenti għall-entitajiet biex jiġu indikati każijiet ta' rapportar doppju, u rapportar żejjed jew obsolet jew rekwiżiti ta' divulgazzjoni.*

B'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn stima tal-impatt finanzjarju globali.

Il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex tiżgura r-riżorsi finanzjarji, umani u tal-IT neċessarji biex tiġi stabbilita Sistema Unika Integrata ta' Rapportar sa ... [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

L-Awtorità għandha, flimkien mal-awtoritajiet l-oħra, tistabbilixxi Sistema Unika Integrata ta' Rapportar sa ... [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. ”

4b. *fl-Artikolu 36, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

2. *L-Awtorità, flimkien mas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), il-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-BERS billi jikkondividu l-informazzjoni u l-analiżi meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom.*

L-Awtorità għandha, flimkien mal-BERS u l-BĊE, tikkoordina l-isforzi tagħha biex tidentifika, timmonitorja, tipprevjeni u timmitiga r-riskji sistemiċi għall-istabbiltà finanzjarja.

L-Awtorità għandha, f'konformità mal-Artikolu 15(1) sa (5) tar-Regolament (UE) 1092/2010, tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' kondivizzjoni tad-data definiti.

L-Awtorità, b'kooperazzjoni mal-BERS, għandu jkollha fis-seħħ proċeduri interni adegwati għat-trażmissjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali, b'mod partikolari informazzjoni fir-rigward ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali.

5. *fl-Artikolu 54(2), jiżdied l-inċiż li ġej:*

“ — ir-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni u l-ġbir ta' informazzjoni minn parteċipanti fis-swieq finanzjarji.”;

6. *fl-Artikolu 70, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jipprevjenu lill-Awtorità milli tiskambja informazzjoni mal-awtoritajiet l-oħrajn imsemmija fl-

Artikolu 35a(1b) f'konformità ma' dan ir-Regolament u ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għall-parteciċipanti fis-swieg finanzjarji."

Artikolu 4a

Emendi għar-Regolament (UE) 806/2014

Ir-Regolament (UE) 806/2014 huwa emendat kif ġej:

1. jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 34a

Skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u ma' entitajiet oħra

1. Il-Bord u l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni għandhom jikkondividu mal-awtoritajiet l-oħra, fuq bażi ta' każ b'każ jew fuq bażi regolari, informazzjoni li jkunu kisbu minn istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra, meta l-awtorità rikjedenti tkun intitolata tikseb dik l-informazzjoni, skont il-missjoni, l-objettivi, il-kompiti u s-setgħat tagħha jew f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni.

Għall-finijiet tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Bord jew l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni għandhom jużaw is-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar imsemmija fl-Artikolu 34b, malli tiġi stabbilita.

2. Il-Bord u l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni għandhom jitolbu mill-awtoritajiet l-oħra informazzjoni li altrimenti jitolbu mill-istituzzjonijiet finanzjarji jew awtoritajiet kompetenti oħra, meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu intitolati jiksbu dik l-informazzjoni skont il-missjoni, l-objettivi, il-kompiti u s-setgħat tagħhom jew f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni;

(b) dik l-informazzjoni tkun inkisbet minn tal-inqas waħda mill-awtoritajiet l-oħra.

L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Bord u l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni jiksbu l-informazzjoni mitluba minn

istituzzjonijiet finanzjarji jew minn awtoritajiet kompetenti oħra meta, għal raġunijiet operazzjonali, l-awtorità l-oħra ma tkunx tista' tikkondividi d-data.

Għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' jekk il-kundizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tkunx issodisfata, il-Bord għandu juża s-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar imsemmija fl-Artikolu 34b, malli tiġi stabbilita.

3. *Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 34b, "awtoritajiet oħra" tfisser kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet li ġejjin:*

(a) *l-awtoritajiet supervizzorji Ewropej;*

(b) *il-BERS*

(c) *l-awtoritajiet kompetenti, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010;*

(d) *l-awtoritajiet kompetenti, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (2) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010;*

(e) *l-awtoritajiet kompetenti, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (3), tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.*

(f) *l-AMLA, kif stabbilit bir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};*

(g) *l-awtoritajiet, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1b}*

(h) *il-MSU, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (9), tar-Regolament (UE) 1024/2013;*

^{1a} *UP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument 2021/0240(COD) (proposta għal-Regolament li jstabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu – COM/2021/421 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.*

^{1b} *UP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument 2021/0250(COD) (proposta għas-Sitt Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/423 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.*

(i) *l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (3).*

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "istituzzjoni finanzjarja" tfisser "istituzzjoni finanzjarja" kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.

4. *It-talba għall-iskambju ta' informazzjoni għandha tindika kif xieraq il-bażi ġuridika skont id-dritt tal-Unjoni li tippermetti lill-awtorità rikjedenti tikseb l-informazzjoni mill-istituzzjonijiet finanzjarji jew minn awtoritajiet kompetenti oħra. L-awtorità rikjedenti u l-awtorità tal-kondiviżjoni għandhom ikunu soġġetti għall-obbligi tas-segretezza professjonali u tal-protezzjoni tad-data stabbiliti fl-Artikoli 88 u 89 u fil-leġiżlazzjoni settorjali applikabbli għall-kondiviżjoni tad-data bejn l-istituzzjoni finanzjarja u l-awtorità rikjedenti, kif ukoll għall-kondiviżjoni tad-data bejn l-istituzzjoni finanzjarja u l-awtorità tal-kondiviżjoni. L-awtorità tal-kondiviżjoni għandha tinforma lil kull istituzzjoni finanzjarja rilevanti dwar tali skambju ta' informazzjoni, sakemm l-informazzjoni ma tkunx ġiet anonimizzata, modifikata, aggregata jew ittrattata bi kwalunkwe metodu ieħor ta' kontroll fuq id-divulgazzjoni biex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali, mingħajr dewmien żejjed.*
5. *Il-paragrafi 1, 2 u 4 għandhom japplikaw ukoll għall-informazzjoni li l-awtorità tal-kondiviżjoni tkun irċeviet minn istituzzjoni finanzjarja jew mill-awtoritajiet l-oħrajn u li fuqhom l-awtorità tal-kondiviżjoni tkun sussegwentement wettqet kontrolli tal-kwalità jew li l-awtorità tal-kondiviżjoni tkun ipproċessat mod ieħor.*
6. *Għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 1, 2, 4 u 5, il-Bord u l-awtoritajiet l-oħra għandhom jidħlu f'memoranda ta' qbil biex jispeċifikaw il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni. Huma għandhom jispeċifikaw ukoll arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data kondiviża, dment li tali arranġamenti jikkonformaw mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, il-proprjetà intellettuali u s-segretezza professjonali. Il-memoranda ta' qbil għandhom, bi ftehim bejn l-awtoritajiet kollha kkonċernati, isegwu format sempliċi u standardizzat, imfassal apposta meta jkun meħtieġ għall-kundizzjonijiet operattivi speċjali li jafu japplikaw għal awtoritajiet speċifiċi.*
7. *Il-paragrafi 1 sa 6 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u ma għandhomx jipprevjenu jew jirrestrinġu l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Bord u l-awtoritajiet l-oħra f'konformità mad-dispożizzjonijiet*

f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni. Meta d-dispożizzjonijiet f'dan l-Artikolu jkunu f'kunflitt ma' dispożizzjonijiet f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li tirregola l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet l-oħra, id-dispożizzjonijiet f'tali leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni għandu jkollhom prevalenza.

8. *Mingħajr preġudizzju għal obbligi oħra stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-Bord u l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni jistgħu, fuq talba ġġustifikata, jikkondividu fuq bażi ta' każ b'każ, mal-Kummissjoni informazzjoni li l-istituzzjonijiet finanzjarji jkunu rrapportaw lilhom skont dmirijietom fid-dritt tal-Unjoni, f'forma li ma tippermettix l-identifikazzjoni ta' entitajiet individwali u li ma jkunx fiha data personali. L-awtoritajiet li jkunu sottomettew tali informazzjoni għandhom jiġu infurmati kif xieraq dwar il-kondiviżjoni li tkun saret.*

9. *Il-Bord u l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni jistgħu jagħtu aċċess għall-informazzjoni miksuba meta jwettqu dmirijietom għall-użu mill-ġdid minn istituzzjonijiet finanzjarji, riċerkaturi u entitajiet oħra b'interess leġittimu f'tali informazzjoni għal finijiet ta' riċerka u innovazzjoni, dment li l-Bord ikun żgura li jkun hemm konformità ma' dan kollu li ġej:*

(a) *l-informazzjoni tkun ġiet anonimizzata, b'tali mod li s-suġġett tad-data jew l-istituzzjoni finanzjarja ma jkunux jew ma jibqgħux identifikabbli;*

(b) *l-informazzjoni tkun ġiet modifikata, aggregata jew ittrattata bi kwalunkwe metodu ieħor ta' kontroll dwar divulgazzjoni biex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali, inklużi s-sigrieti kummerċjali jew il-kontenut kopert mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.*

(c) *il-partijiet li jkunu nġhataw aċċess ikunu wrew li huma għandhom il-mezzi tekniċi meħtieġa biex jiproteġu informazzjoni kunfidenzjali, jiġifieri, ikollhom fil-pussess tagħhom strumenti kapaċi jiżguraw għalkollox il-protezzjoni tal-privatezza u tal-kunfidenzjalità.*

L-informazzjoni riċevuta minn awtorità oħra għandha tiġi kondiviża fuq din il-baży bi qbil mal-awtorità li inizjalment tkun kisbet l-informazzjoni.

10. *Il-Bord u l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni għandhom, sa ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], jirrapportaw lill-Kummissjoni l-*

ostakli legali kollha fir-regolamenti settorjali li b'xi mod jipprevjenu lill-Bord milli jiskambja informazzjoni mal-awtoritajiet l-oħra jew ma' entitajiet oħra. Ir-rapport jista' jindirizza wkoll rekwiżiti ta' rapportar mhux materjali, obsoleti, duplikati jew b'xi mod ieħor irrilevanti, u suġġerimenti biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti ta' rapportar ta' kumpaniji finanzjarji u dawk mhux finanzjarji.

Abbażi ta' dak ir-rapport u filwaqt li tqis kif xieraq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, l-obbligi tas-segretezza professjonali u l-protezzjoni tad-data, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex jitneħħew tali ostakoli legali fil-leġiżlazzjoni settorjali sabiex jitravwem l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u ma' entitajiet oħra sa ... [sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Regolament emendatorju].

Artikolu 34b

Stabbiliment ta' Sistema Unika Integrata ta' Rapportar

- 1. Sa... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Bord, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet l-oħra, għandu jħejji rapport dwar id-dettalji tekniċi tal-istabbiliment ta' Sistema Unika Integrata ta' Rapportar, kif ukoll pjan direzzjonali, ibbażat fuq il-ħidma fuq l-integrazzjoni tar-rapportar mill-awtoritajiet superviżorji Ewropej fis-setturi tagħhom u jinkludi valutazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji. Għall-finijiet ta' dak ir-rapport, is-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar għandha tinkludi:*
 - (a) dizżjunarju tad-data komuni biex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza tar-rekwiżiti ta' rapportar u l-istandardizzazzjoni tad-data;*
 - (b) repożitorju konġunt tar-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni, tad-deskrizzjonijiet tad-data miġbura u tal-awtoritajiet li jżommuha;*
 - (c) spazju ċentrali tad-data, inkluż id-disinn tekniku għall-ġbir u l-iskambju tal-informazzjoni; u*
 - (d) punt ta' kuntatt uniku permanenti għall-entitajiet biex jiġu indikati każijiet ta' rapportar doppju, u rapportar żejjed jew obsolet jew rekwiżiti ta' divulgazzjoni.*

2. *B'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn stima tal-impatt finanzjarju globali.*

Il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex tiżgura r-riżorsi finanzjarji, umani u tal-IT neċessarji biex tiġi stabbilita s-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar sa ... [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Bord, flimkien mal-awtoritajiet l-oħra, għandu jistabbilixxi Sistema Unika Integrata ta' Rapportar sa ... [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. ”

Artikolu 4b

Emendi għar-Regolament (UE) .../... li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus

Ir-Regolament .../...^{1a} huwa emendat kif ġej:

1. *Fl-Artikolu 10(2), jiżdied il-punt (d) li ġej:*

“(d) tirrieżamina l-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni rilevanti adottati mill-Kummissjoni, u tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Awtorità u tipproponi emendi fejn xieraq, filwaqt li iżomm l-utilizzabbiltà u l-kwalità tad-data, sabiex:

- jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni żejda jew obsoleti;*
- jiġu żgurati rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni proporzjonati u standardizzati;*
- jiġu minimizzati l-kostijiet;*
- jiġu indirizzati l-lakuni regolatorji; ”*

^{1a} *ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument 2021/0240(COD) (proposta għal-Regolament li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu – COM/2021/421 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.*

2. *Fl-Artikolu 16, jiżdied il-paragrafu li ġej:*

“3a. Qabel ma titlob informazzjoni f’konformità ma’ dan l-Artikolu u sabiex ma jkunx hemm irduppar ta’ rapportar u tal-obbligi ta’ divulgazzjoni, l-Awtorità għandha tqis l-informazzjoni miġbura minn awtoritajiet oħra msemmija fl-Artikolu 16a(3) u kwalunkwe statistika eżistenti rilevanti prodotta u disseminata mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika u s-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali.”;

3. *jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

“Artikolu 16a

Skambju ta’ informazzjoni bejn l-awtoritajiet u ma’ entitajiet oħra

1. *L-Awtorità u l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkondividu mal-awtoritajiet l-oħra, fuq bażi ta’ każ b’każ jew fuq bażi regolari, l-informazzjoni li jkunu kisbu mingħand entitajiet marbutin b’obbligu jew awtoritajiet kompetenti oħra, meta l-awtorità rikjedenti tkun intitolata tikseb dik l-informazzjoni, skont il-missjoni, l-oġettivi, il-kompiti u s-setgħat tagħha jew f’konformità mad-dritt rilevanti tal-Unjoni.*

Għall-finijiet tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, l-Awtorità jew l-awtorità superviżorja għandhom jużaw is-Sistema Unika Integrata ta’ Rapportar imsemmija fl-Artikolu 16b, malli tiġi stabbilita.

2. *L-Awtorità u l-awtoritajiet superviżorji għandhom kull waħda minnhom jitolbu mill-awtoritajiet l-oħra informazzjoni li altrimenti jitolbu minn entitajiet obligati jew minn awtoritajiet kompetenti oħra, meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:*

(a) *huma intitolati jiksbu dik l-informazzjoni skont il-missjoni, l-oġettivi, il-kompiti u s-setgħat tagħhom jew f’konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni;*

(b) *dik l-informazzjoni tkun inkisbet minn tal-inqas waħda mill-awtoritajiet l-oħra.*

L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Awtorità u l-awtoritajiet kompetenti jiksbu dik l-informazzjoni minn istituzzjonijiet finanzjarji jew

minn awtoritajiet kompetenti oħra meta, għal raġunijiet operazzjonali, l-awtorità l-oħra ma tkunx tista' tikkondividi d-data.

Għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' jekk il-kundizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tkunx issodisfata, l-Awtorità jew l-awtoritajiet superviżorji għandhom jużaw is-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar imsemmija fl-Artikolu 16b, malli tiġi stabbilita.

3. *Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 16(3a) u l-Artikolu 16b, "awtoritajiet oħra" tfisser kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet li ġejjin:*

(a) l-awtoritajiet superviżorji Ewropej;

(b) il-BERS

(c) l-awtoritajiet kompetenti, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010;

(d) l-awtoritajiet kompetenti, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (2) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010;

(e) l-awtoritajiet kompetenti, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (3), tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(f) l-awtoritajiet, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};

(g) l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(h) l-SRB;

(i) l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (3), tar-Regolament (UE) Nru 806/2014.

^{1a} *UP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument 2021/0250(COD) (proposta għas-Sitt Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/423 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.*

(j) il-MSU, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (9), tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013; Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "istituzzjoni finanzjarja" tfisser "istituzzjoni finanzjarja" kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.

- 4. It-talba għall-iskambju ta' informazzjoni għandha tindika kif xieraq il-bażi ġuridika skont id-dritt tal-Unjoni li tippermetti lill-awtorità rikjedenti tikseb l-informazzjoni minn entitajiet obligati jew minn awtoritajiet kompetenti oħra. L-awtorità rikjedenti u l-awtorità tal-kondiviżjoni għandhom ikunu soġġetti għall-obbligi tas-segretezza professjonali u tal-protezzjoni tad-data stabbiliti fl-Artikoli 75 u 84 u fil-leġiżlazzjoni settorjali applikabbli għall-kondiviżjoni tad-data bejn l-entità marbuta b'obbligu u l-awtorità rikjedenti, kif ukoll għall-kondiviżjoni tad-data bejn l-entità marbuta b'obbligu u l-awtorità tal-kondiviżjoni. L-awtorità tal-kondiviżjoni għandha tinforma lil kull entità marbuta b'obbligu rilevanti dwar tali skambju ta' informazzjoni, sakemm l-informazzjoni ma tkunx ġiet anonimizzata, modifikata, aggregata jew ittrattata bi kwalunkwe metodu ieħor ta' kontroll dwar divulgazzjoni biex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali, mingħajr dewmien żejjed.*
- 5. Il-paragrafi 1 ,2 u 4 għandhom japplikaw ukoll għall-informazzjoni li l-awtorità tal-kondiviżjoni tkun irċeviet minn entità marbuta b'obbligu jew minn awtoritajiet oħra u li fuqha l-awtorità tal-kondiviżjoni tkun sussegwentement wettqet kontrolli tal-kwalità jew li l-awtorità tal-kondiviżjoni tkun ipproċessat mod ieħor.*
- 6. Għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 2, 4 u 5, l-Awtorità u l-awtoritajiet l-oħra għandhom jidħlu f'memoranda ta' qbil biex jispeċifikaw il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni. Huma għandhom jispeċifikaw ukoll arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' tali data kondiviża, dment li jikkonformaw mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, il-proprjetà intellettuali u s-segretezza professjonali. Il-memoranda ta' qbil għandhom, bi ftehim bejn l-awtoritajiet kollha kkonċernati, isegwu format sempliċi u standardizzati, imfassal apposta fejn meħtieġ għal kwalunkwe kundizzjoni operattiva speċjali li taf tapplika għal awtoritajiet speċifiċi.*
- 7. Il-paragrafi 1 sa 6 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u ma għandhomx jipprevjenu jew jirrestrinġu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Awtorità u l-awtoritajiet l-oħra f'konformità mad-dispożizzjonijiet*

f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni. Meta d-dispożizzjonijiet f'dan l-Artikolu jkunu f'kunflitt ma' dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament jew f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li jirregolaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet l-oħra, id-dispożizzjonijiet f'tali leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni għandu jkollhom prevalenza.

8. *Mingħajr preġudizzju għal obbligi oħra stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, l-Awtorità u l-awtoritajiet superviżorji jistgħu, fuq talba ġġustifikata, jikkondividu fuq bażi ta' każ b'każ, mal-Kummissjoni, informazzjoni li entitajiet marbuta b'obbligu jkunu rrapportaw lilhom skont dmirijiethom fid-dritt tal-Unjoni, f'forma li ma tippermettix l-identifikazzjoni ta' entitajiet individwali u li ma jkunx fiha data personali. L-awtoritajiet li jkunu sottomettew tali informazzjoni għandhom jiġu infurmati kif xieraq dwar il-kondiviżjoni li tkun saret.*

9. *L-Awtorità u l-awtoritajiet superviżorji jistgħu jagħtu aċċess għall-informazzjoni miksuba meta jwettqu dmirijiethom għall-użu mill-ġdid minn entitajiet marbuta b'obbligu, riċerkaturi u entitajiet oħra b'interess leġittimu f'tali informazzjoni għal finijiet ta' riċerka u innovazzjoni, dment li l-Awtorità jew l-awtoritajiet superviżorji jkunu żguraw li jkun hemm konformità ma' dan kollu li ġej:*

(a) *l-informazzjoni tkun ġiet anonimizzata, b'tali mod li s-suġġett tad-data jew l-entità marbuta b'obbligu ma jkunux jew ma jibqgħux identifikabbli;*

(b) *l-informazzjoni tkun ġiet modifikata, aggregata jew ittrattata bi kwalunkwe metodu ieħor ta' kontroll dwar divulgazzjoni biex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali, inklużi s-sigrieti kummerċjali jew il-kontenut kopert mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.*

(c) *il-partijiet li jkunu nġhataw aċċess ikunu wrew li huma għandhom il-mezzi tekniċi meħtieġa biex jiproteġu informazzjoni kunfidenzjali, jiġifieri, ikollhom fil-pussess tagħhom strumenti kapaċi jiżguraw għalkollox il-protezzjoni tal-privatezza u tal-kunfidenzjalità.*

L-informazzjoni riċevuta minn awtorità oħra għandha tiġi kondiviża biss fuq din il-bażi bi qbil mal-awtorità li inizjalment tkun kisbet l-informazzjoni.

10. *L-Awtorità u l-awtoritajiet superviżorji għandhom, sa... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], jirrapportaw lill-Kummissjoni l-ostakli legali*

kollha fir-regolamenti settorjali li bi kwalunkwe mod jipprevenuhom milli jiskambjaw informazzjoni mal-awtoritajiet l-oħra jew ma' entitajiet oħra. Ir-rapport jista' jindirizza wkoll rekwiżiti ta' rapportar mhux materjali, obsoleti, duplikati jew b'xi mod ieħor irrilevanti, u suġġerimenti biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti ta' rapportar ta' kumpaniji finanzjarji u dawk mhux finanzjarji.

Abbażi ta' dak ir-rapport u filwaqt li tqis kif xieraq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, l-obbligi tas-segretezza professjonali u l-protezzjoni tad-data, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex jitneħħew tali ostakoli legali fil-leġiżlazzjoni settorjali sabiex jitravwem l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u ma' entitajiet oħra sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].”

4. jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 16b

Stabbiliment ta' Sistema Unika Integrata ta' Rapportar

1. Sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], l-Awtorità u l-awtoritajiet superviżorji, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet l-oħra u mas-SEBĊ, għandhom iħejju rapport dwar id-dettalji tekniċi tal-istabbiliment ta' Sistema Unika Integrata ta' Rapportar, kif ukoll pjan direzzjonali, ibbażat fuq il-ħidma fuq l-integrazzjoni tar-rapportar mill-awtoritajiet superviżorji Ewropej fis-setturi tagħhom u jinkludu valutazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji. Għall-finijiet ta' dak ir-rapport, is-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar għandha tinkludi:

- (a) dizzjunarju tad-data komuni biex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza tar-rekwiżiti ta' rapportar u l-istandardizzazzjoni tad-data;*
- (b) repożitorju konġunt tar-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni, tad-deskrizzjonijiet tad-data miġbura u tal-awtoritajiet li jżommuha;*
- (c) spazju ċentrali tad-data, inkluż id-disinn tekniku għall-ġbir u l-iskambju tal-informazzjoni; u*
- (d) punt ta' kuntatt uniku permanenti għall-entitajiet biex jiġu indikati każijiet ta' rapportar doppju, u rapportar żejjed jew obsolet jew rekwiżiti ta' divulgazzjoni.*

2. *B'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn stima tal-impatt finanzjarju globali.*

Il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex tiżgura r-riżorsi finanzjarji, umani u tal-IT għall-istabbiliment ta' Sistema Unika Integrata ta' Rapportar. [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

L-Awtorità, flimkien mal-awtoritajiet l-oħra, għandha tistabbilixxi s-Sistema Unika Integrata ta' Rapportar sa ... [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. “

5. *fl-Artikolu 44(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:*

“L-opinjonijiet tal-Awtorità ma għandhomx ikunu limitati għal proċeduri leġiżlattivi li jkunu għaddejnin. L-Awtorità tista' wkoll tipproponi fl-opinjonijiet tagħha, fejn xieraq, emendi għall-atti leġiżlattivi fis-seħħ, inklużi emendi:

(a) biex jitneħħew rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni żejda jew obsoleti fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni jew tat-traspożizzjoni nazzjonali tad-dritt tal-Unjoni mill-Istati Membri;

(b) biex jiġu żgurati rekwiżiti konsistenti ta' rapportar u divulgazzjoni fil-leġiżlazzjoni kollha speċifika għas-settur, kif ukoll transsettorjali;

(c) biex tiġi żgurata l-proporzjonalità fir-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni fir-rigward tan-natura, id-daqs u l-komplessità tal-entità li tirrapporta;

(d) biex jiġi żgurat li l-konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni jkunu proporzjonati mal-valur miżjud għat-twettiq tal-kompiti u l-objettivi tal-Awtorità.

Għall-finijiet tal-opinjonijiet dwar l-atti leġiżlattivi fis-seħħ imsemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Awtorità għandha tqis kif xieraq il-kontribut mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha permezz ta' konsultazzjoni ddedikata. Abbażi ta' daww l-opinjonijiet, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tissottometti proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 5

Emendi għar-Regolament (UE) 2021/523

Ir-Regolament (UE) 2021/523 huwa emendat kif ġej:

-1. Fl-Artikolu 8(6), il-parti introduttora hija sostitwita b'dan li ġej:

“Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida dwar is-sostenibbiltà li, f’konformità mal-objettivi u l-istandards ambjentali u soċjali tal-Unjoni u b’kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”, kif ukoll differenzi fit-tipi ta’ proġetti tal-infrastruttura, tippermetti li:”

-1a. Fl-Artikolu 13(7), is-subparagrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) taħt il-garanzija tal-UE msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta’ Awwissu 2026. F’każijiet oħra, kuntratti bejn is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u r-riċevitur finali jew l-intermedjarju finanzjarju jew entità oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1) għandhom jiġu ffirmati sal-31 ta’ Diċembru 2028.

-1b. Fl-Artikolu 17(2), il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(h) ir-rapportar finanzjarju u operattiv u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investiment skont il-garanzija tal-UE, filwaqt li tiġi żgurata l-proporzjonalità fir-rekwiżiti ta’ rapportar u monitoraġġ, kif ukoll jiġu minimizzati l-kostijiet għall-partijiet ikkonċernati kollha u għall-benefiċjarji finali, mingħajr ma jiġu mminati l-objettivi rispettivi ta’ InvestEU;

I. Fl-Artikolu 28, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“4. Darba fis-sena, kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti minn dan ir-Regolament, imqassam skont il-kompartiment tal-UE u l-kompartiment tal-Istati Membri, kif xieraq. Kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jippreżenta wkoll l-informazzjoni dwar il-kompartiment tal-Istati Membri lill-Istat Membru li jkun qiegħed jimplimenta l-kompartiment tiegħu. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti dwar l-użu tal-garanzija tal-UE u mal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll data operazzjonali, statistika, finanzjarja u ta' kontabbiltà dwar kull operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment u stima tal-flussi ta' flus mistennija, fil-livell tal-kompartiment, tat-tieqa ta' politika u tal-Fond InvestEU. Ir-rapport mill-Grupp tal-BEI u, jekk ikun xieraq, mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, għandu jinkludi wkoll l-informazzjoni dwar l-ostakli għall-investiment li rriżultaw fit-twettiq tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti minn dan ir-Regolament. Ir-rapporti għandu jkun fihom l-informazzjoni li s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom jipprovdu skont il-punt (a) tal-Artikolu 155(1) tar-Regolament Finanzjarju.”

Artikolu 5a

Allinjament mar-Regolament Nru (UE) 1024/2013

Sa... [Tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tissottometti lill-Kunsill proposta leġiżlattiva biex tallinja l-emendi għar-Regolamenti (UE) Nru 1092/2010, (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 806/2014 u (UE) ...^{1a} f'dan ir-Regolament, mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013

^{1a} ***UP: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument 2021/0240(COD) (proposta għal-Regolament li jstabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu - COM/2021/421 final) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.***

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
